

# PROGRAMM
TAL-FESTA TA'
# SAN ĠILJAN
31 TA' AWISSU 1975

*Ftakru li issa l-pakketti vojta ta'*

**FOSTER CLARK**

*jistgħu jinbidlu ma' stampi kuluriti fuq l-istorja tal-baħar*




*Staqsi lill-grocer tiegħek għal aktar dettalji fuq din l-offerta u itlob*

**ALBUM B'XEJN**

*tal-prodotti ta' FOSTER CLARK*

# The town-and -country cooker.

This Philips cooker works on kerosene. That means it's safe, inexpensive and—most important of all—you can use it anywhere. It has a low pressure gasifier which turns low-cost kerosene into real gas for safe odourless cooking.

Just light the pilot burner and the rest is automatic.



**PHILIPS**



**Though all Renaults don't look alike they all have the same objective. To help the motorist.**







RENAULT

YOU'LL BE HAPPY TO OWN A

# TELEFUNKEN

## TELEVISION

- OUTSTANDING QUALITY
- PERFORMANCE
- RELIABILITY

Telefunken Agency:

## L. MIFSUD

**330, PRINCE OF WALES ROAD - SLIEMA**

**29A/D ST. TROPHIMUS STR. - SLIEMA**

**Dial 30130**

*FOR THE BEST VALUE IN FOOD*

DELIVERY ANYWHERE

# SPINOLA

## SELF-SERVICE

ST. JULIAN'S Tel. 35962

LIONBRAND

FINEST PURE TEA

# THE BEST TEA

# DAINA

## Motor Bus Coy. Ltd.

## BUSES FOR HIRE

Dial 30621 - 33685





Suppliers of

DISTILLED WATER

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

*Fil-31 ta' Awissu niċċelebraw bħas-soltu l-festa tal-patrun tagħna San Ġiljan, Avveniment ta' kull sena. Kull sena dejjem l-istess u sa ċertu pont dejjem differenti Hija avveniment importanti fil-ħajja tal-parroċċa tagħna u ftit jew wisq kulħadd ikun jistenniha. U ħadd ma jħares lejha l-istess.*

*Imma dejjem tibqa' festa reliġjuża. Festa li l-iskop prinċipali tagħha huwa li permezz taċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu, kemm fil-Knisja u kemm barra, nuru u nesprimu s-sens reliġjuż tagħna u b'hekk nagħtu glorja 'l Alla u unur lil San Ġiljan. Għalhekk tkun ħaġa bla sens li aħna nifirħu u nixxalaw fil-festa mingħajr ma nindunaw li qed nifirħu u nixxalaw f'okkażjoni reliġjuża. Qed nagħmel enfasi fuq dan il-punt għax qed ninnota li minn ftit snin 'il hawn uħud donnhom insew l-aspett reliġjuż tal-festa u jħarsu lejha biss bħala okkażjoni li fiha jixorbu, igawdu l-murtali u l-logħob tan-nar, jiżfnu quddiem il-marċ jew iżanżnu libsa ġdida.*

*Jiena nieħu pjaċir li jkollna festa sabiħa. U l-festa nagħmluha aħna, bil-parteċipazzjoni tagħna, Imma ma nieħux pjaċir meta nara kwantitajiet ta' nies jattendu u jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-festi ta' barra, imbagħad il-knisja tkun kważi vojta fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru.*

*Il-parroċċa hija komunita', familja u fl-ispirtu ta' familja għandna nifirħu u nieħdu sehem f'din l-okkażjoni ta' ferħ. Għalhekk b'mod speċjali fl-okkażjoni tal-festa għandna ninsew dak kollu li jista' jifridna u anqas għandna noħolmu li l-festa flok wirja ta' mħabba u għaqda bejnietna tkun okkażjoni ta' ġlied u inkwiet u dwejjaq għal xi wħud mill-membri tal-komunita' tagħna.*

*Għalhekk nispera li kulħadd jifhem dan il-messaġġ li minn qalbi qed nibagħtilkom u kulħadd iħares lejn il-festa bħala okkażjoni li permezz tagħha jikber fl-imħabba tiegħu lejn Alla u lejn il-proxxmu. San Ġiljan jgħallimna dan kif għandna nagħmlu hu żgur li jberikna mis-sema fejn qiegħed jekk jarana nisfurzaw biex nilħqu dan il-għan.*

*Il-Bambin iberikkom.*

IL-KAPPILLAN.

# A. BONELLO

# & CO.

## Agents

## Distributors

## SIMONDS - FARSONS - CISK LTD.

GZIRA

Tel. 30447

TIMBERS - PLYWOOD - PAINTS - CEMENT -

NEOCAST (Reeded Hardboard) WALLBOARDS

SNOWCEM (Decorative Waterproof Coating) —

DECORATIVE CHALK PANELLING and

ALL OTHER BUILDING MATERIAL

# PETER CAMILLERI

# & SONS LTD.

## ESTABLISHED 1856

Head Office:

14, CROSS ROAD - MARSA

Stores:

3, 4, 5,6, CHURCH WHARF - MARSA

12, 15, 16, 17, 18 CROSS ROAD - MARSA

Cables: Peter Malta

Telephone: 25153 - 20258

# SAN GILJAN MADWAR ID-DINJA

Mhumiex ftit dawk li jaħsbu li San Ġiljan huwa xi qaddis tal-parroċċa tagħna biss, u minn għalihom li huwa meqjum f'din il-parroċċa biss u mkien aktar. Din hija ideja żbaljata, għaliex il-Qaddis Patrun tagħna huwa magħruf u ivvenerat f'għadd ta' pajjiżi oħra tad-dinja.

F'Malta stess, preċiżament fl-Isla, hemm knisja żgħira iddedikata lil San Ġiljan. Hi pjuttost kappella ċkejkna li flantik jingħad li kienet isservi għall-membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann li kienu dilettanti tal-kaċċa, u għalhekk kienu jisimgħu l-quddies fiha filgħodu kmieni. Fiha wkoll statwa żgħira li tixbaħ ħafna lill-istatwa li hemm fill-parroċċa tagħna. Din il-knisja fl-Isla, però, hija aktar magħluqa milli miftuħa u preżentement issir fiha quddiesa waħda fil-ġimgħa, u sintendi fis-27 ta' Jannar, il-festa xitwija ta' San Ġiljan.

F'Għawdex, fejn illum hemm is-Seminarju, fi żmien imgħoddi kien miżmum bħala sptar li kien iddedikat lil San Ġiljan. Sal-lum, għadu jinsab hemmhekk inkwatru sabiħ u pjuttost antik ta' San Ġiljan.

Fl-Italja kollha nsibu ħafna knejjes iddedikati lil San Ġiljan, iżda l-aktar waħda importanti bla dubju ta' xejn hija dik li tinsab viċin il-kosta tal-baħar Adrijatiku.. Qiegħed ingħid għall-Kattidral ta' Macerata, li fih jingħad li kien instab id-driegħ imqaddes ta' San Ġiljan. Dan il-Kattidral huwa magħruf ma' l-Italja kollha, u mhux ftit huma dawk li kull sena jmorru jżuruha. Jingħad li ġewwa Macerata, xi erba' sekli ilu, kien hemm epidemija ħarxa li fiha kienu mietu ħafna nies. Wara ħafna żmien, bit-talb li sar lil San Ġiljan biex in-nies ta' dak il-pajjiż jinħelsu minn din l-epidemija kiefra, l-epidemija nqerdet u b'ringrazzjament, in-nies ta' hemmhekk bdew jagħmlu l-kwaranturi lil San Ġiljan, u dawn fil-fatt għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum.

Knisja oħra dedikata lil San Ġiljan hija dik li tinsab viċin Recina, pajjiż ċkejken fejn jingħad li kien midfun San Ġiljan. Fl-Italja wkoll, preċiżament f'Empoli,, fil-knisja ta' Santa Marija a Ripa hemm altar iddedikat lil San Ġiljan. Minbarra knejjes u altari, wieħed isib ukoll għadd ta' sptarijiet b'dedika għal San Ġiljan, kemm fl-Italja, Spanja u fil-Belġju.

Xi ħaġa wkoll fuq iċ-ċerv, għalkemm mhux fuq San Ġiljan. Fi knisja li hemm f'Ruma, iddedikata lil San Ewstakju, fuq il-kampnar ta' din il-knisja hemm figura ta' ċerv

bil-qrun li għalkemm jgħidu li jġib risq tajjeb, f'dan il-każ ġieb risq ħażin. Infatti, snin ilu kien sar xi tieġ f'din il-knisja, iżda l-miżżewġin spiċċaw ħażin, b'xi inċident jew ħaġa oħra. Warajh sar tieġ ieħor u spiċċa bl-istess sfortuna. Minn dak in-nhar sal-lum l-ebda Romeo u Ġuljetta ma resqu 'l hemm aktar, l-ebda għarus u għarusa ma ssugraw jiżżewġu f'dik il-knisja.

Nerġgħu fuq San Ġiljan. Fi Sqallija, fin-naħa tal-Punent ta' din il-gżira qariba tagħna, hemm muntanja viċin Trapani, għolja 2,540 pied, li fuqha jingħadu ħafna leġġendi. Waħda minnhom tgħid li meta l-Konti Ruġġieru n-Normann kien se jattakka l-fortifikazzjonijiet li kien hemm madwar il-muntanja, kellu viżjoni ta' San Ġiljan qed iħarrab lis-Saraċeni u l-furbani, u għalhekk semmieha "Monte San Giuliano", il-Muntanja ta' San Ġiljan. Dan l-isem baqa' jintuża sat-Tieni Gwerra Dinjija, meta Mussolini biddel l-isem għal dak li kien jintuża fl-antik, Monte Erice. Iżda xorta waħda n-nies ta' dawk l-inħawi għadhom isejħulha "il-muntanja ta' San Ġiljan".

Dawn kienu biss *ftit* mill-okkażjonijiet li nafu bihom fejn huwa magħruf u meqjum San Ġiljan. Nimmaġina li hemm ħafna u ħafna postijiet oħra fejn San Ġiljan huwa magħruf. Insemmi biss li ftit ilu waqt li kont inqalleb dizzjunarju fuq il-Qaddisin, sibt mhux inqas minn 43 San Ġiljan imsemmi, kollha differenti. Aħsbu intom kemm jistgħu jkun hawn knejjes oħra iddedikati għalih ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

Min jaf pajjiżi oħra jafux bil-knisja u l-parroċċa ta' San Ġiljan f'Malta!

ĠILJAN CASSAR.

## Marċi li se jindaqqu mill-Banda "San Ġiljan" fl-okkażjoni tal-festa

**Mro. A. Dimech A.Mus.L.C.M.**

1. Ningħaqdu flimkien.
2. Dedika lill-Ġiljaniżi.
3. Qawmien Ġdid .
4. Iċ-Ċerv.
5. Il-Festa tagħna.

**Mro. Angelo Pullicino**

6. Atalasport.
7. Gatto Monte.
8. Tifħir lil San Ġiljan.
9. Balluta March.

Din is-sena mal-Banda se jkollna lil Ġużi Bonello jdoqq għall-ewwel darba.

C U
Assurance

# FOR ALL CLASSES OF INSURANCE C.U. WILL SEE YOU BETTER PROTECTED

Local Agents:

**COMMERCIAL UNION MALTA (AGENCY) LIMITED**

**St. Paul's Court, Bisazza Street, Sliema**

Telephone 38404


ENJOY YOUR SUMMER
with
SUNURA
Fruit
Squashes
A COLEIRO BROS. PRODUCT
TEL. No. 27748
MALTA PRODUCE
SUNURA
ORANGE SQUASH
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED ORANGES
DILUTE TO TASTE
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
STRAWBERRY
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED STRAWBERRIES
DILUTE TO TASTE WITH MILK OR WATER
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
ORGEAT
DILUTE TO TASTE WITH MILK OR WATER
COLEIRO BROTHERS LTD
MALTA PRODUCE
SUNURA
LEMON SQUASH
PREPARED FROM THE JUICE OF SELECTED LEMONS
DILUTE TO TASTE
COLEIRO BROTHERS LTD

# Fine furniture & furnishings



# at JOINWELL

- G-Plan contemporary furniture
- Reprodux reproduction furniture
- Lampstands and shades
- Soft furnishings – fabrics, carpeting and household linen

**Joinwell Showrooms**
Tower Road, Sliema. Tel. 34430

# ISEA

## ELECTRIC WATER HEATERS

Ghadha kemm waslitilna kunsinna kbira ta' electric water heaters li jistgħu jinkisbu bi prezzijiet "wholesale" mingħand

**British Overseas Trading Co. Ltd.**

Exchange Buildings, Republic Str., Valletta

Telephone: 22372 - 22780 - 25127 - 22785



If you want to go to AUSTRALIA or

TO ANY OTHER PART OF THE WORLD

please apply for full particulars to:

# SULLIVAN SKYWAYS SERVICES LTD.

79, TIGNE STREET — Tel. 32529

SLIEMA — 32559

# AN INSURANCE IS YOUR PROTECTION

**To choose the right insurance policy for your requirements consult**

## CASSAR & COOPER

(SHIPPING & INSURANCE) LTD

General Agents for The London Assurance est. 1720, with assets exceeding £150 million.
Cassar & Cooper have been in the insurance business in Malta for over 36 years.
All class of insurance transacted including Life, Motor, Accident, Fire and Marine.



*Call at one of the Cassar & Cooper offices Now*

**Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd.**

| | |
|---|---|
| **VALLETTA** | VALLETTA BUILDING 54, SOUTH STREET, TEL: 24226/7, 23231/2 |
| **SLIEMA** | ST. ANNE COURT, TIGNE SEA FRONT, c/w BISAZZA STREET. TEL: 36348, 37096 |
| **ST. JULIANS** | 47, ST. GEORGE'S ROAD. TEL: 30903, 37095 |
| **LUQA** | AIR CARGO HOUSE, LUQA BY PASS AND MAIN CONCOURSE LUQA AIRPORT. TEL: 22952/3/4/5 |




**Cassar & Cooper** – Good people to deal with

PRO

## FESTI TA' GEWWA

**IT-TNEJN, 25 TA' AWISSU — Jum it-Tfal:**

7.00 p.m. Quddiesa Folk għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Iqaddes Dun Philip Demaro. Wara l-Quddiesa noħorġu l-vara min-niċċa u wara jitkanta l-Innu lil San Ġiljan.

4

**L-ERBGHA, 27 ta' AWISSU — Il-Parroċċa Kommunità ta' Fidi:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan, mudell tal-fidi nisranija". Jippresiedi Dun Karm Calleja.

7.00 p.m. Quddiesa ċelebrata minn Patri Tumas Spiteri, O.S.A., Pirjol tal-Buon Konsill, Paceville, bl-omelija fuq "In-nisrani jgħix bil-fidi".

**IL-HAMIS, 28 TA' AWISSU — Il-Parroċċa Kommunità ta Tama:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan mudell tat-tama nisranija". Jippresiedi Dun Fortunat Axiak.

7.00 p.m. Quddiesa għal ruħ dawk kollha li mietu fil-Parroċċa tagħna, iċċelebrata minn Patri Pawl Spiteri, O.S.A., Pirjol ta' Santa Rita, bl-omelija fuq "In-nisrani u l-ħajja l-oħra".

**IL-ĠIMGHA, 29 TA' AWISSU — Il-Parroċċa Kommunità ta' Mħabba:**

6.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla fuq "San Ġiljan, mudell ta' l-Imħabba nisranija". Jippresiedi Dun Anton Xiberras.

7.00 p.m. Quddiesa minn Fr. Carm Pace Kappuċċin "Direttur tal-Welfare Society for the Sick and Aged". Waqt il-Quddiesa ssir offerta għal din il-Għaqda filantropika mill-Kommunità Parrokkjali.

**IS-SIBT, 30 TA' AWISSU — LEJLET IL-FESTA:**

8.00 a.m. Quddiesa Kantata minn Dun Franġisk

# RAMM

Zammit, għall-morda u x-xjuħ tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa t-*Te Deum*, l-Innu u l-Antifona.

6.15 p.m. Traslazzjoni tar-Relikwija mill-Knisja l-Qadima għall-Knisja l-ġdida.

6.30 p.m. Quddiesa u omelija. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

**IL-HADD, 31 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA:**

6.00, 7.00, 8.00, 9.00, 11.00 u 12.00 Quddies.

10.00 a.m Quddiesa Kantata Solenni bl-omelija mill-W.R. Mons. Pawlu Said..

6.30 p.m. Quddiesa minn Dun Ġwann Caruana u wara toħroġ il-Purċissjoni.

## FESTI TA' BARRA

**IL-ĠIMGHA, 29 TA' AWISSU:**

9.00 p.m. Marċijiet mill-Banda "San Ġiljan". Jibdew minn ħdejn il-Palma, jitilgħu Ta' Ġorni, Birkirkara Hill, St. Angelo Street, Lapsi Street, Main Street, Spinola Bay.

**IS-SIBT, 30 TA' AWISSU — LEJLET IL-FESTA:**

9.00 p.m. Marċijiet minn Banda "San Ġiljan". *Rotta:* Jitlaq minn ħdejn il-Knisja, Lapsi Street, St. Angelo Street, Birkirkara Hill għal Grenfell Street, Spinola Bay.

9.00 p.m. Marċijiet mill-Banda "La Victoria" tal-Mellieħa. *Rotta:* St. George's Rd., Spinola Road, Mensija Street, Forrest Street, Wied Għomor Street, Spinola Bay.

11.30 p.m. Logħob tan-nar (ġiġġifogu) fi Spinola Bay.

**IL-HADD, 31 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA:**

10.30 a.m. Marċ mill-Banda "San Ġiljan".

5.30 p.m. Logħob tal-Ġostra fil-Bajja Spinola.

6.30 p.m. 'il quddiem marċi mill-Baned "St. Joseph" tal-Hamrun u "St. Joseph" ta' Hal Kirkop, li takkumpanja l-purċissjoni.

THE

# RECORD CENTER

for the

LATEST "TOP TWENTY" RECORD RELEASES
"BUDGET" LONG PLAYING RECORDS
Pop, Classical, Folk, Underground, Country and Western, Jazz and TOP OF THE POPS STEREO LONG PLAY — only 87 cents.
Long Playing Albums, Musicassettes, Pre-recorded tapes, Record Players, Tape Recorders, Transistor Radios, U-Box system, Maltese Records and Cassettes etc.

RECORD CENTRE

VALLETTA — SLIEMA — HAMRUN

A large CHUBB range

of safes and security Equipment

is always available from

# NCR LIMITED

NOTABILE ROAD, MRIEHEL

Telephone 44747, 45566

ST. ANNE'S SQUARE, FLORIANA

Telephone 28992

For all your Laundry requirements

call at

# SQUARE DEAL

PROMPT AND RELIABLE SERVICE
THROUGHOUT

**CROSSROAD, MALTA**
Tel. 20800 — 20606

Branches at:

ST. JULIAN'S - MARSA - SLIEMA - PAOLA

JEANS JEANS JEANS JEANS JEANS JEANS

# JEAN

# CENTRE

## 36, Grenfell Street,

## St. Julian's

(Half way between Balluta and Spinola)

JEANS JEANS JEANS JEANS JEANS JEANS

## IC-CIRKOLU TA' L-IRGIEL JAGHLAQ 25 SENA

Fi żminijiet li fihom, minkejja dak li tixtieq il-Knisja, ħafna ma għadhomx jagħarfu l-importanza tal-Għaqdiet Reliġjużi fil-ħajja ta' kull Parroċċa, hija ħaġa ferm konsolanti meta xi għaqda ta' din ix-xorta tasal biex tiċċelebra l-25 sena mit-twaqqif tagħha.

U għalhekk kellhom tassew biex jifirħu u jiżżu ħaj 'l Alla, il-membri taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika "San Ġiljan" tal-Fergħa Rġiel tal-Parroċċa tagħna, meta din is-sena fakkru dan l-avveniment bi programm speċjali.

Iċ-Ċirkolu ta' l-Irġiel, twaqqaf uffiċalment, għall-ewwel flimkien mal-ġuvintur, fit-8 ta' Jannar 1950, meta sar l-Ewwel Tesserament fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' San Ġiljan, wara li kien għadda ż-żmien ta' prova. Iċ-Ċirkolu dak iż-żmien kien iġib l-isem ta' Sant' Antnin. Meta mbagħad iktar tard l-Irġiel isseparaw ruħhom mill-ġuvintur ġie magħżul l-isem ta' "San Ġiljan", isem li ċ-Ċirkolu għadu jġib b'għożża sal-lum. L-ewwel President taċ-Ċirkolu kien il-mibki Dr. Anton Busuttil M.D.

Fost il-ħidma ta' apostolat u ta' fejda li jwettqu l-membri ta' dan iċ-Ċirkolu ta' min isemmi b'mod speċjali l-laqgħat ta' tagħlim u l-irtiri tax-xahar, il-ħidma rikreattiva u ta' għajnuna lix-xjuħ u l-morda, it-tagħlim tad-Duttrina littfal u l-kura tal-Knisja tal-Kunċizjoni, li kienet afdata f'idejn l-Irġiel fil-5 ta' Mejju, 1956, appena miet is-sagristan Ġanni li kien jieħu ħsiebha u li ħafna minn San Ġiljan għadhom jiftakruh sewwa. Għadhom jidwu f'widnejja l-kelmiet tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, illum Mons. Guido Calleja, lill-Irġiel taċ-Ċirkolu, meta bl-imfietaħ f'idejh qalilna: "Għandkom Challenge" u fissrilna li riedna nieħdu l-Knisja tal-Kunċizzjoni f'idejna u waqaf jistenna tweġiba minn għandna. U l-irġiel, għalkemm meħudin xi ftit għall-għarrieda, wieġbu għal din l-isfida b'entużjażmu u żammew kelmithom sal-lum. Min jista' jinsa l-ismijiet ta' J. Portelli, A. Gracey, H. Blake u G. Fenech li kienu minn ta' l-ewwel li għenu f'dan ix-xogħol? Kemm ġid sar u għadu qed isir f'din il-Kappella! Il-Bambin biss jaf u ta' dan il-membri taċ-Ċirkolu għandhom għax jiżżu ħajr 'l Alla li pprovdielhom kamp kbir fejn jistgħu jaħdmu għall-glorja tiegħu.

Għalhekk kien ħsieb tajjeb ta' l-organizzaturi meta f'nahr il-Pentecoste, it-18 ta' Mejju ta' din is-sena fetħu

*(Ikompli f'paġna 21)*

*(Ikompli minn paġna 20)*
ġimgħa ta' attività f'din l-istess Kappella, b'Quddiesa Soċjali għall-membri kollha u wara r-Rev. Kappillan Dun Ġwann Galea kixef u bierek il-lapida kommemorattiva li twaħħlet mal-ħajt taċ-Ċirkolu biex tfakkar din il-ġrajja speċjali għax għalkemm iċ-Ċirkolu kellu s-sede f'postijiet oħra tal-Parroċċa, huwa fil-kamra ċkejkna ta' maġenb il-Knisja tal-Kunċizzjoni, taħt il-ħarsien tal-Madonna u bil-għajnuna ma taqta' xejn ta' Binha Ġesù, li aħna qattajna l-isbaħ żmien fil-ħajja tċ-Ċirkolu tagħna.

Jalla ċ-Ċirkolu tagħna jibqa' ġej 'il quddiem u jimtela b'irġiel ġodda u żgħażagħ li jkomplu fejn iħallu l-oħrajn minħabba l-età u l-mard. Għalhekk minn qalbna nistiednu lill-irġiel kollha ta' rieda tajba li jingħaqdu magħna u jibdew jattendu għal-laqgħat li jsiru fiċ-Ċirkolu kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa fis-7.30 p.m. biex magħna jaqsmu l-ġid kbir li jistgħu jieħdu minn dawn il-laqgħat immexxija b'tant ħeġġa u sagrifiċċju mill-Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu r-Rev. Dun Anton Sciberras, li dejjem ħadem kemm seta' biex minna jifforma membri tajbin u li jagħmlu isem tajjeb lill-Parroċċa maħbuba tagħna.

A. J.


**FREE HOT WATER!**
**with BEASLEY**
**SOLAR HOT WATER SYSTEM**

More and more people in Malta now enjoy an abundant supply of free hot water simply by using HEAT FROM THE SUN as sole heating agent.
There is a BEASLEY solar hot water system to meet your requirements, whether you are a family of two or more. This system is simple to install, even in conjunction with an existing hot water plumbing installation.

- **Engoy abundant supply of hot water**
- **Save on your gas/electricity bills**

**INTSALL A BEASLEY solar hot water system TODAY and you really get SOMETHING FOR NOTHING!**

**Demonstrations and free expert advice at:**

**BIM LTD. INDUSTRIAL ESTATE**
**MARSA — Tel. 25411, 26170**



**Asbestos Cement**

**Water Tanks**

Will ensure

an abundant supply of water

throughout the house

*Available from 20 to 220 Gallons*

ASBESTOS CEMENT SEWER

AND RAIN WATER PIPES

ALSO AVAILABLE

**Trade enquiries:**

**FORESTALS LTD.**

54/59, COAL WHARF, MARSA

**Tel.: 25728, 25356**

# IT-TIBDIL LITURGIKU; QED IFISSER XI HAGA GHALIJA?

Il-bidu ta' dan it-tibdil li qed naraw iseħħ fil-funzjonijiet liturġiċi insibuh fid-dokument tal-Konċilju Vatican II fuq il-Liturġija, "Sacrosanctum Concilium".

L-għan ta' dan it-tibdil hu sabiex nifhmu aktar dawn il-funzjonijiet u nipparteċipaw fihom, u hekk niksbu l-frott spiritwali għal ħajjitna.

Il-Konċilju, jiġifieri, il-Papa u l-isqfijiet miġbura flimkien, konxju mill-kobor tal-Quddiesa xtaq li s-Sagramenti jiġu ċelebrati fil-Quddiesa; hu ta' importanza speċjali wkoll lil Kotba Mqaddsa u għalhekk ordna li r-riti tas-Sagramenti għandu jkollhom inklużi testi bibliċi.

Il-Quddiesa għandha tkun iċ-Ċentru ta' ħajjitna għaliex fiha nsibu l-aktar teżor ta' l-imħabba ta' Alla għalina. Mill-qari ta' l-Iskrittura u mis-smiegħ ta' l-Omelija għandna niġbdu riżoluzzjonijiet prattiċi għal ħajjitna. Fl-offertorju għandna noffru lilna nfusna, bit-tajjeb u bin-nuqqasijiet tagħna 'l Alla, sabiex jibdilna f'ġisem spiritwali ġdid. Il-qofol tal-quddiesa huwa l-ħin tal-konsagrazzjoni meta l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta'' Kristu. Tqarbina tajba għandna żżommna ħajjin spiritwalment tul il-ġurnata kollha.

Tajjeb li naraw fuq fuq it-tifsir tar-riti l-ġodda tas-Sagramenti:

**Is-Sagrament tal-Magħmudija**

Bil-magħmudija l-bniedem isir membru tal-Ġisem ta' Kristu u jingħaqad mal-poplu ta' Alla, jaqla' il-maħfra ta' dnubietu kollha, isir iben adottiv ta' Alla, u bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu jsir ħolqien ġdid, u għalhekk jissejjaħ u hu tassew iben adottiv ta Alla.

Fit-tiġdid li l-Knisja riedet li jsir fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, it-tibdil li sar, sar kollu biex il-Magħmudija tidhertassew li hi stqarrija tal-fidi nisranija. Biex il-Magħmudija tidher li hi tassew stqarrija tal-fidi żdiedu żewġ ħwejjeġ importanti fir-rit il-ġdid (i) iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla qabel il-Magħmudija, u (ii) stqarrija ċara tal-fidi fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Il-magħmudija tfisser id-difna ma' Kristu fil-qabar rappresentat mill-ilma, biex minn hemm toħroġ ma' Kristu rebbieħa fuq il-mewt, imsieħba miegħu f'ajja ġdida, u ħab-

bara tal-ferħ għall-bnedmin kollha. Għalhekk fejn hu possibli li l-magħmudija ssir bl-immersjoni, dan huwa aħjar għax aktar juri dan is-simboliżmu.

Ir-rit il-ġdid jagħti mportanza kemm lil-ġenituri kif ukoll lill-kommunità nisranija. Lil ta' l-ewwel jagħtihom r-responsabbiltà ewlenija, li la ddeċidew li jagħmmdu t-tarbija jrabbuha fit-tagħlim nisrani. Lill-kommunità nisranija il-Knisja tagħtiha wkoll parti mir-responsabiltà tat-trobbija nisranija tat-tarbija.

### Il-Griżma ta' l-Isqof

L-imgħammdin jissoktaw id-dħul tagħhom fil-ħajja nisranija bis-sagrament tal-Griżma; bih jirċievu l-Ispirtu s-Santu, li kien mibgħut mill-Mulej u msawwab fuq l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin.

Is-Sagrament tal-Griżma jingħata permezz tad-dlik biż-żejt tal-Griżma, ikkonsagrat nhar Ħamis ix-Xirka, fuq il-ġbin, li jsir bit-tqegħid ta' l-idejn u bil-kelmiet: "Ħu s-siġill tad-Don ta' l-Ispirtu s-Santu".

Il-Knisja tixtieq li l-Griżma tingħata fil-Quddiesa, biex tidher f'dawl aqwa r-rabta fundamentali ta' dan is-sagrament mar-riti kollha tad-dħul fil-ħajja nisranija (Magħmudija -Tqarbin-Griżma ta' l-Isqof) li jilħaq il-qofol tiegħu fit-Tqarbin bil-ġisem u d-demm ta' Kristu.

### Il-Qrar, jew kif beda jissejjaħ "Is-Sagrament ta' Rikonċiljazzjoni"

L-"Ordo Paenitentiae" l-ġdid, jiġifieri l-ktieb li fih insibu dawn ir-riti igħidilna li fil-qrar l-importanti mhux li ngħidu kemm-il darba għamilna t-tali dnub iżda l-bidla sħiħa tal-qalb mill-egħruq; iċ-ċaħda tal-imgħoddi kollu, u bidu ġdid ta' ħajja verament nisranija.

Il-Knisja qed tenfasizza l-aspett kommunitarju tad-dnub u tar-rikonċiljazzjoni, jiġifieri, permezz tad-dnub l-individwu jonqos mhux biss kontra Alla iżda wkoll kontra ħutu l-bnedmin, peress li aħna lkoll Knisja waħda. Għalhekk il-maħfra tagħna tiġina minn għand Alla meta aħna nerġaw ninħabbu ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin.

### It-Tqarbin

Dan is-Sagrament ġeneralment nirċevuh fil-Quddiesa, iżda għal dawk li ma jistgħux jissieħbu mal-kommunità l-Knisja irrevedit ir-rit tat-tqarbin privat. Fejn qabel il-qas-

sis kien jidħol fid-dar tal-marid u jqarbnu mill-ewwel, issa r-rit il-ġdid jitlob meta hu possibbli li jsir qari mill-Iskrittura, jingħad il-"Missierna" u wara t-Tqarbina. Fl-aħħar is-saċerdot ibierek lill-marid u l-preżenti kollha billi jagħmel is-sinjal tas-salib fuqhom bis-Sagrament jekk ikun fadal speċi sagramentali. Inkella jinqeda b'waħda mill-formoli imħejjija apposta.

**Il-Griżma tal-Morda**

Il-Knisja tixtieq li dan is-Sagrament ma jingħatax biss lil dawk li jkunu waslu fl-aħħar ta' ħajjithom, iżda wkoll lil dawk li jkunu bdew deħlin fil-periklu tal-mewt minħabba il-mard jew ix-xjuħija. Dan is-Sagrament, kif jgħidilna San Ġakbu għandu l-qawwa li jgħinna kemm f'ruħna kif ukoll f'ġisimna.

**L-Ordni Sagri**

Dan is-Sagrament jagħti s-setgħa spiritwalli lil min jirċevieh li jgħallem, iqaddes u jmexxi lill-Poplu ta' Alla. Dan jagħmlu prinċipalment billi jħabbar l-Evanġelju, jamministra s-sagramenti u jifforma l-kommunità nisranija.

Dan is-sagramenti isieħeb lill-magħżul ma' Kristu r-Ras tal-Ġisem Mistiku li hi l-Knisja. Din is-sħubija fiha tliet gradi u f'kull grad il-magħżul jieħu sehem mis-sagrament tal-Ordni Sagri. L-ewwel grad hu tad-djakonat. It-tieni grad hu dak tal-presbiterat (saċerdot) u l-ogħla grad hu dak ta' isqof.

**Iż-Żwieġ**

Fir-rit il-ġdid taż-żwieġ jidher aktar il-kobor tas-Sagrament. Tidher ukoll il-għaqda bejn iż-żwieġ u l-Ewkaristija. Il-proċessjoni tad-dħul, fejn il-ministri jmorru jilqgħu lill-għarajjes fil-bieb tfisser l-merħba kollha ferħ li l-Knisja tagħti lill-għarajjes. Il-Knisja tixtieq li ż-żwiġijiet kollha jsiru fil-quddiesa, għalhekk hija hejjiet testi apposta għal dan il-għan. Waqt il-Quddiesa, wara l-"Missierna", is-saċerdot jgħid it-talba speċjali tal-għarajjes. Wieħed josserva hawnhekk il-għaqda ta' din it-talba ma' l-Ewkaristija. Din it-talba tibda bi stedina biex il-ġemgħa tal-fidili miġbura fil-Knisja titlob għall-miżżewġin ġodda; it-talba tkompli billi tfisser id-dmirijiet sew tal-għarus u sew tal-għarusa għall-fedeltà lejn xulxin.

Fil-quddiesa l-miżżewġin ġodda jitqarbnu biż-żewġ

speċi: tal-Hobż u tal-Imbid.

Fi tmiem il-Quddiesa, qabel ma s-saċerdot ibierek il-poplu, ibierek l-ewwel il-miżżewġin ġodda b'waħda mit-tliet formoli imhejjija apposta.

Bħalma rajna minn dawn il-ftit noti fuq kull sagrament il-Liturġija hija xi ħaġa dinamika, hija l-qima li l-Knisja tagħti 'l Alla. Għalhekk. bħala membri tal-Knisja huwa dover tagħna li ninteressaw ruħna iżjed fil-Liturġija billi nattendu u nippartecipaw b'sehem aktar attiv fil-funzjonijiet kollha speċjalment f'dawk li se nagħmlu fil-ġimgħa tal-festa sabiex b'hekk inkunu qegħdin nagħtu qima 'l Alla u ġeh lillPatrun tagħna San Ġiljan.

DENNIS SCHEMBRI.





**J. & D. DALLI**

2, Jetties Wharf, Marsa Tel. 26845

# TIGULLIO

## Malta's Leading Restaurant and Night Club

*offers*

superb catering for private parties

engagements, weddings

and other private functions

at reasonable prices.

Hire of Hall also available.

Outdoors in the Summer months.

*Phone the Manager for quotations*

*and further details*

Telephone: 37538

Visit GOZO and stay at the

# CALYPSO HOTEL

in MARSALFORN

The CALYPSO is situated on the sea-front overlooking the fishing harbour of Marsalforn. Most rooms have bath and terrace and all have telephone, radio and central heating (airconditioning).

*The amenities include amongst others:*

BAR - RESTAURANT - LOUNGE -

ROOF - ROOF TERRACE

*Reservations: 76131*



# The MARQUIS ROOM RESTAURANT

*The Late Night Restaurant*
*Exquisite Cuisine, Superb Service,*
*a la carte menu.*
Open all week including Sundays
Music by the Spiro Zammit Trio.

DRAGONARA
Casino
ST. JULIAN'S. TELEPHONE: 30061

PEPSI

**Join the Pepsi People feelin' free!**

Authorized Bottlers:
**The Malta Bottling Co. Ltd., Qormi Road, Marsa**

FOR THE YOUNG IN FASHION . . .

**JOHN GERANZI**

ST. JOHN SQUARE
VALLETTA

TOWER ROAD
SLIEMA

**ORZOLI'**

COFFEE SUBSTITUTE

*that calms the nerves*

*Available in small jars of 60 and 100 grs.*
*Also in attractive usable big jars of*
*600 grams. All at very low prices.*

Trade Enquiries:

**VINCENT SCHEMBRI**

46, ST. PAUL STREET, VALLETTA

Tel. 27591

# ST. JULIAN'S BOOK CENTRE

Fi żmien ta' taqlib u tibdil fil-ħsibijiet u fl-idejat bħalma huwa ż-żmien tal-lum inħossuha diffiċli li naqdu dmirna li nitħarrġu u nwasslu l-Kelma ta' Kristu għax illum dawk l-affarijiet li qisnihom fatti nbidlu u oħrajn li warrabna tfaċċaw ma' wiċċna.

F'dawn iċ-ċirkustanzi wieħed jew jagħlaq għajnejh u jħalli d-dinja tiġri bih jew inkella jipprova jinforma ruħu fuq l-aktar ħsibijiet moderni. Kien għal dawn ta' l-aħħar li xi xi sena ilu fuq mejda quddiem il-knisja D. Ġwann Caruana qiegħed għażla ta' kotba l-aktar moderni għal bejgħ. Hafna kienu dawk li waqfu jqallbu u ħafna kienu dawk li xtraw. Iżda wara ftit inħasset il-ħtieġa li dawn il-kotba jitwasslu lill numru akbar ta' qarrejja. U minn hawn bdiet l-ideja ta' librerija żgħira fejn wieħed jista' jissellef dawk il-kotba l-aktar li jinteressawh.

Il-Kappillan malli sar jaf, għoġbitu l-idea u barra li offra kamra fejn jinżammu l-kotba, offra somma sabiħa ta' £M150 biex jinxtraw l-ewwel kotba. Benefatturi oħra offrew l-għajnuna tagħhom u malajr twaqqaf kumitat żgħir biex tibda l-għażla tal-kotba. Issa l-librerija se tiġi miftuħa u għalkemm in-numru tal-kotba s'issa huwa żgħir, b'awturi bħal Sheed, Rahner, Evely, Haring, Quoist u oħrajn l-għażla hija mdaqqsa. It-tama tagħna hija li din iż-żerriegħa bħal dik tal-Vanġelu, issib art tajba fejn tikber u tagħti il-frott.

Aktar tard inħabbru d-data tal-ftuħ ta' din il-librerija — li aktarx ikun f'Ottubru.


**TOWER**

**SELF SERVICE STORE**

46, TOWER ROAD Tel.

SLIEMA 32793


GORDON'S
GORDON'S
DRY GIN
DISTILLERY,
LONDON.
ENGLAND
EST.
1769
TRADE MARK
THE HEART OF A GOOD COCKTAIL

# WEMBLEY'S

## FOR WEDDINGS

Għandhom għażla ta'
Tliet Rolls Royce u Princess
b'għoxrin Mercedes magħhom

*Head Office:*

**50, St. George's Road**

**St. Julian's**

**TEL. 32074 - 36649**

**Cables: Venture, Malta.**

Stamperija "Il-Ħajja"